MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 63

30 ta' Awwissu 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Victor Galea - Kunsillier
Maria Concetta Scerri – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Helen Caruana – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.34pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal onlajn jew ġie fuq il-post fil-ħin.

## 63.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

63.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Avukat Caruana kienet tinsab indisposta.

## 63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

63.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 62 ġew approvati.

## 63.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

63.3.1 Is-Sindku nforma lil Kunsill li iktar tard dieħel onlajn il-Perit Falzon biex jagħti dettalji fuq applikazzjoni ta' żvilupp tal-Friutland li hemm bżonn tittieħed deċiżjoni.

*Festa*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-festa għaddiet u kif kulħadd seta' jinnota kienet festa li marret sew ħafna, fejn inżammet l-indafa u fil-fatt sar ħafna *extra* cleaning. Hu rringrazzja 'l kulħadd speċjalment lill-kleru għal-festa ħelwa li huma kellhom.

Uffiċċini *ġodda tal-Kunsill*

Is-Sur Cordina qal li fir-rigward tal-Uffiċċini tkomplew ix-xogħolijiet fejn tħaffer il-pit tal-lift imma l-Perit ma kienx kuntent bix-xogħol li sar u permezz ta' imejl talab li jittieħed parir legali u jiġi kkunsidrat ukoll it-terminazzjoni tal-kuntratt. Is-Sur Cordina qal li ġa tkellem mal-Avukat Bondin biex il-Kunsill jara il-kriterji u termini jekk jitterminawx jew le.

Is-Sur Bartolo saqsa jekk jitterminaw s'xe jiġri? Is-Sur Cordina qal li jekk jitterminaw trid toħroġ tender oħra fejn is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li jekk joħroġ tender ġdid joħroġ b'*expediated procedure*.

Is-Sur Bonnici saqsa fuq il-kontijiet kif tliet ġimgħat ilu qalu li nstab żball u li f'daqqa waħda l-kuntrattur kellu jieħu l-flus. Is-Sur Cordina qal li dan kien dovut għall-fatt li tali talba kienet ibbażata fuq kontijiet preċedenti imma fuq dawk preżenti ma kienx hemm miżjuda fil-kont il-penali.

L-Avukat Brincat qal li l-Perit insista li ma kienx hemm x'jieħu u issa qed jingħad li dan għandu bilanċi pendenti. Is-Sur Cordina qal li apparentament kien hemm xi żbalji fil-kejl jew min-naħa tal-Perit jew tal-kuntrattur. Hu kompla jgħid li dawn l-affarijiet huma tal-*amateurs* għax il-Perit insista fuq li nsista li ma kienx hemm x'jieħu. Is-Sur

Cordina qal li aħjar jirrispondi l-Perit. L-Avukat Brincat qal li jekk sa jibqgħu sejrin hekk bl-iskossi ħa jimxu.

Il-Perit Schembri qal li kien se jsaqsi appuntu f'liema stadju waslu x-xogħolijiet.

Is-Sur Cordina qal li tħaffret il-bokka tal-lift, fejn kien ġie ffirmat kuntratt mal-bennej u kellu jitkompla x-xogħol fuq il-lift imma l-bokka ma saritx skont id-disinn tal-Perit u x-xogħoliijiet waqfu. Il-Perit Schembri qal li veru ilhom ikarkru pero' jridu jpoġġu fuq il-miżien biex jaraw jekk hux val la pena jitterminaw u li ma jistgħux jieħdu deċizjoni jekk qabel ma jkunux jafu x'inhuma ir-riperkussjonijiet tat-terminazzjoni. Il-Perit qal li hemm bżonn jidħlu l-Perit u l-Avukat u wara jieħdu deċizjoni jekk jitterminawx jew le.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-affarijiet fuq x'hiex il-Perit ma setax jiċċertifika kienu appuntu li jekk sar id-dawl ma twaħħlux il-plakek, jekk sar il-madum dan kien nofsu kulur u nofsu kulur ieħor, saru t-twieqi tal-aluminju u tnejn minnhom imxaqqin. Hija kompliet tgħid li l-kuntrattur qed jippretendi li l-Perit jiċċertifikalu persentaġġ tax-xogħol li sar imma l-Perit mhux jaqbel. Il-Perit qed jinsisti li jlesti parti u l-Perit jiċċertifika u jitħallas.

Il-Perit Schembri qal li għalhekk minn wara l-kamera hu ma jistax ikollu stampa ċara ta' dak li qed jiġri u jekk jitterminaw x'se jiġri mill-affarijiet li huma ħżiena, se jitħallsu dawk meqjusa tajbin jew ma jitħallas xejn u jmorru l-Qorti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-argument tal-Perit huwa li talab ċertu fond bil-konkos u sar b'inqas u mingħajr rinfurzar. Il-Perit Schembri qal li din issa hija sitwazzjoni differenti minn tal-madum għax dan irid jinqala' kollu mhux in parti u jaf il-qlugħ jiswa' mod u x-xogħol li se jsir jiġi jiswa' ferm iktar minn dak li ntefaq biex sar primarjament. Hi kompliet tgħid li trid tittieħed deċiżjoni jekk hux ħa jitterminaw u jieħdu over il-Kunsill filwaqt li tinħareġ tender biex ix-xogħol jitkompla u jibdew proċeduri bil-Qorti. Iktar minn hekk hi kompliet li jekk jitterminaw u jidħlu l-Qorti jaf ma jkunux jistgħu ikomplu. Kulħadd qal li aktarx le jekk isir sekwestru.

Is-Sur Cordina qal li għalhekk iridu jiddiskutu imqar issir laqgħa b'item wieħed u jieħdu deċiżjoni. Is-Sur Mangion qal li jaqbel ma' dak li qal il-Perit Schembri li preċiżament irid isir rapport sabiex jekk jidħol kuntrattur ieħor dan ikun jaf x'jonqos isir.

Is-Sur Cordina qal li hemm ukoll kwistjoni ta' responsabbiltà. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kwistjoni oħra hi li l-lift mhux ordnat u m'hemmx depożitu fuqu u qabel tliet xhur erba' oħra u mingħajr *compliace certificate* sabiex jiddaħħal id-dawl qas ikunu jistgħu jidħlu.

Il-Perit Schembri qal li jekk mhux sa jiftehmu il-lift ma jeħilx u finalment *bottom line* hu li jrid ikun hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet u tinqata' linja fejn spiċċa hu u fejn se jibda ħaddieħor. Eżempju qal li biex tibdel bennej irid ikun spiċċa parti biex jieħu

over ieħor. Hu kompla jgħid li jekk hemm xi ħsarat fit-twieqi jekk jidħol l-ilma ir-riperkussjonijiet ħa jkunu ferm ikbar.

Is-Sur Galea qal li s-sitwazzjoni hi ċara u dan il-kuntrattur m'għandux ir-riżorsi u mhux f'pożizzjoni li jkompli x-xogħol. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi inkompetenza kbira li jkollok disinn preċiż mill-Perit u xorta taħdmu ħażin. Hi kompliet tgħid li biex tkompli ma' dak li qal l-Avukat Brincat, il-garanzija bankarja baqa' ma ġabhiex.

L-Avukat Brincat saqsa min hu l-Avukat tal-kuntrattur bis-Sur Victor Galea jirribatti li ssemma fl-aħħar laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fl-aħħar laqgħa żgur ma ssemmiex isem l-Avukat u ċerta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fadal ċertu affarijiet li, kompla s-Sindku, setgħu faċilment isiru waqt li qed isir oġgett ieħor.

Il-Perit Schembri talab biex jikkonkludu u jħallu f'idejn il-Perit.

63.3.2 ***Xogħolijiet fi Triq il-Linja***

Is-Sur Victor Galea saqsa min hu l-kuntrattur jekk humiex tal-Kunsill? Is-Sur Cordina qal li huma ta' Infrastructure Malta għax li kieku kienu tal-Kunsill kien jitkellem fuqhom magħhom. Hu qal li jinsab iddiżappuntat fuq in-nuqqas ta' pjanar. Qal li tbiddlu l-pjanti fuq talba tar-residenti u hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jaħasra biddluhom għal xejn għax ġie kollox status quo fejn vera tnaqqsu 7 parkeġġi imma żdiedu band'oħra biex issa hemm *intersection* u kulħadd għal ġo xulxin.

Is-Sur Cordina qal li tbiddlu l-pjanti imma t-tarmak ma tkompliex għax daħal is-*shut down,* imma li għandu jitkompla fil-ġranet li ġejjin u huwa minnu li kellu jitlesta f'sitt xhur imma suppost għandu jitkompla. Is-Sur Victor Galea qal li se jippreżenta r-ritratti f'laqgħa li se jkollu mal-Prim Ministru għax mhux sewwa li dawn in-nies jibqgħu b'dawn it-trabijiet.

Il-Perit Schembri qal li dan mhux aċċettabli. Dan hu proġett ta' miljuni mhux *patching* u jinsab ferm iddiżappuntat għax proġetti bħal dawn jemmen li jirrikjedu ċertu serjeta'. Hu qal li

1. Ma saret l-ebda konsutazzjoni pubblika
2. Pjanar: kulħadd kellu dritt ikun jaf kif inhu ġej il-proġett bi pjanti li juru ċar il-parkeġġi, b'hekk ma jkunx hemm dewmien wara biex jitlesta u lanqas ħela ta' flus biex jinbidlu l-pjanti. Il-flus hekk jiġu użati bl-iktar mod sostenibbli
3. Il-kritika li qed iwassal hi kostruttiva għax Ħ'Attard hu post ċentrali u għalhekk huwa suġġest għal *network* tajjeb ta' traffiku u għalhekk għandu jkun hemm pjanar aħjar.
4. Hemm l-obbligi tal-kuntrattur u għand jkun hemm infurzar. Kumparat mas-Central Link, li kien proġett ta' miljuni, saru konsultazzjonijiet kif suppost u bix-xieraq u biċċa triq xejn lanqas multa lill-kuntrattur fejn dan ma wasalx.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għalhekk ma qablitx li nbiddlu l-pjanti għax kieku dawn ġew preżentati qabel kif suppost ma kienx ikun hemm dak il-ħela ta' ħin u flus bis-Sindku jirrispondi Facebook wara li kellu jitlob il-pjanti hu. Hi kompliet tgħid fi kliem li jħobb juża hu li l-Kunsilli saru skużi landa taż-żibel.

L-Avukat Brincat qal li dan hu nuqqas ta' serjetà kbira għax kieku kien kuntattur serju ma kienx iħalli n-nies b'dak id-diżastru u jaħdem fix-*shut down* jekk hemm bżonn. L-Avukat Brincat kompla jgħid pjanar fuq dawn it-tip ta' proġetti jrid isir mill-inqas 8 xhur qabel u meta tidħol applikazzjoni ta' rranġar il-Kunsill għandu jkun infurmat u kkonsultat immedjatament mal-ewwel stadji mingħajr ħela ta' flus tat-*taxpayer* Malti.

L-Avukat Brincat ġibed l-attenzjoni wkoll li fi Triq il-Linja minħabba appuntu nuqqas ta' pjanar qed isuqu sparati sa quddiem il-ġnien u wara jirrealiżżaw li triq magħluqa. L-area kollha hekk u seta' faċilment ikunu *traffic management* aħjar. U lanqas ma taħdem b'żewġ ħaddiema.

Is-Sur Victor Galea saqsa jekk il-kuntrattur li ħadem fit-toroq ta' taħt Triq il-Linja kienx l-istess? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li le.

Is-Sur Bartolo qal li meta tagħmel proġett ma tagħmilx *shut down.*

Is-Sur Victor Galea qal li xi residenti fit-toroq tal-madwar saritilhom ħsara personali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jekk jista' jkun ma jidħlux fi kwistjonijiet bejn il-kuntratturi u r-residenti.

Il-Perit Schembri saqsa f'hiex wasal ix-xogħol fuq it-twessiegħ tal-*bridge* u meta bi ħsiebu jkompli biex ikollhom bil-miktub. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li m'għandhom l-ebda pjanta u l-lant tax-xogħol ġa juri li mhu sa jsir l-ebda twessiegħ imma s'issa għadhom bla risposta.

63.3.3 *Applikazzjoni Fruitland*

Il-Perit Falzon qal li kienet saret oġġezzjoni fuq il-proġett kollu bhalha sistema ta' traffiku, iż- żminiejiet, il-kobor tal-proġett u n-natura tal-proġett. Iż-żona hi ODZ u l-Użu propost hu Class 4B, 5A u 6C li pratikament hu *The Importation and Distribution of Fruit and Vegetables.*

Qal li l-proġett hu kbir u mhux għall-bejgħ lokali. Fruitland kitbu l-Kunsill fejn indikaw li SCH u Era m'għandhomx oġġezzjoni għalkemm imponew ċertu kundizzjonijiet. Il-*Case Officer* għadu ma tax ir-rakkomandazzjoni tiegħu u l-Perit tal-kumpanija qed jistenna lill-Kunsill jagħti r-rakkomandazzjoni tiegħu. Il-Perit qal li biex ikun onest fuq l-affarijiet li kienu oġġezzjonaw fuqhom ħafna minnhom tranġaw. Eżempju l-entraturi/ħruġ tranġaw u t-*turning circles* tat-trakkijiet (*sweeps)* huma aċċettabli. Bħalha proġett ma jidhirx li fih ħafna bini għax kull ma ħa jkun hemm hu uffiċċju,

latrini, *canteen* u *sheds*. Il-Perit kompla jgħid li l-unika affarijiet li jibqa' tħassib fuqhom huma d-dawl, l-istorbju u l-ħinijet tal-operat. Il-*Case Officer* irid jagħti r-rakkomandazzjoni tiegħu fuq dawn tal-aħħar. Jibqa' biss dak li se jiddeċiedi l-Kunsill.

Hu kompla jgħid li fuq art ODZ jippreferi dan it-tip ta' kummerċ milli xi Pit Stop. Tibqa' il-kwistjoni tad-dawl, ħinijiet tal-operat għax ħafna minnhom peress li x-xogħol ikun ġej minn barra jista' jiddaħħal matul il-lejl għax jiddipendi eżempju minn Grimaldi allura l-operat jibda kmieni. Hu qal li min-naħa ta' traffiku għal TM aċċettabbli teknikament.

Hu kompli jgħid li l-opinjoni tiegħu hi li jikteb lill-applikant l-ewwel u wara japplodjaw fuq is-sistema.

Mistoqsijiet:

Victor Galea tkellem fuq il-volum ta' trakkijiet fejn fil-11 ta' bil-lejl jasal bil-Catamaran, jibqgħu sejrin Lidl u ħafna drabi lanqas biss jidħlu l-*yard.* Semma wkoll entratura separata li għandhom huma imma skont il-Perit din mhix parti mill-applikazzjoni.

Qal li ħafna drabi jipparkjaw fejn hemm l-Ambaxxata Amerikana u lanqas jidħlu fil-*yard* u peress li *perishables* jibqa' sejjer dirett għal għand id-distributur. Il-Perit qal li għall-kobor u spazju li se jieħu 1000m area ODZ ma jaħsibx li se tkun attività żgħira. Il-*market research* tiegħu qed qed juri attività konsiderevoli. Is-Sur Victor Galea qal li *import/export* hekk jaħdem imma skont il-Perit żgur li ħa jkun hemm 60% *occupancy*. Il-Perit qal li xorta jippreferi dan minn Pit Stop għax hi attività iktar nadifa.

L-Avukat Brincat ikkonferma li kif qal is-Sur Victor Galea hemm entratura oħra fuq wara. Il-Perit qal li fuq il-pjanta m'hemm xejn u hu ma jistax jitkellem fuqha f'dan l-istadju.

Il-Perit Schembri saqsa jekk l-attività li hemm proponuta fuq is-sit ODZ hix importation, storage and distribution. Hu qal li din it-tip ta' attività normali tkun ġo żona ndustrijali. Il-Perit Falzon qal li tista' tkun f'żona ndustrijali imma tiġi kkunsidrata f'ODZ ukoll. Il-Perit allurasaqsa jekk din it-tip t'attività hijiex aċċetta f'ODZ u mniżżla fl-*action plan* ta' Ta' Qali?

Il-Perit Falzon qal li jekk hemm użu għall-art, jista' jkun hemm nuqqas ta' qbil fuq id-dawl l-istorbju, disinn u ħafna affarijiet oħra imma għall-fini ta'permess min-naħa ta' PA ħa jkun aċċettabli

Il-Perit Schembri qal li mela wieħed irid jagħfas fuqha vis-a-vis l-użu mat-Ta' Qali Action Plan. Saqsa wkoll jekk sarx TIA u jekk ma sarx għala TM ħarget il-*clearance*. Il-Perit Falzon qal li TIA ma sarx u jista' jkun għax fuq proġett ta' dan it-tip qed jiġi assumit li mhux ħa jinpatta ħażin lill-lokalità. Il-Perit Falzon qal ukoll li forsi ma ġiex mitlub għax mhux imiss rotot arterjali jew distributorji u t-tielet li fil-permess li qed

jitlob qed jgħid li mhux sa jbiegħ, għalhekk mhux se jimpatta ħazin bil-parkeġġ u vetturi żgħar għax mhux ħanut.

Il-Perit Schembri qal li xorta d-deċizjoni ta' TM tibqa' xettika. Saqsa wkoll fuq rapport ta' Inġinjir rigward id-dawl u l-istrobju. Hu talab li dawn il-punti kollha jidħlu fl-imejl li se tintbagħat lill-Friutland flimkien mas-suggerimenti tal-Kunsill fuq il-ħinijiet tal-operat, storbju kollox.

Il-Perit Schembri qal li għandu jinġab għall-attenzjoni tal-*Case Officer* it-tħassib tal-Kunsill permezz ta' rapport u wara li toħroġ ir-rakkomandazzjoni il-Kunsill jerġa' jenfasiżża l-punti mressqa. Kulħadd qabel.

Is-Sur Remigio Bartolo qal li meta ġie joqgħod Ħ'Attard kien hemm din l-attivià li kienet għadha bidu fi Triq il-Pitkali bi storbju imblukkar ta' garaxxijiet u mbagħad kif jaf kulħadd dawn imxew għal iktar l'fuq. Is-Sur Bartolo qal li l-unika ħsieb tiegħu hi li ħa jkunu ħelsu minn dan l-inkwiet u jerġgħu jitwikkew bih. Kulħadd jaf Malta kif taħdem. Is-Sur Galea qal li huma qatgħu it-trakkijiet kollha miċ-Centru ta' Ħ'Attard u qed jgħaddu kollu minn Ta' Qali. Apparti kompla s-Sur Bartolo l-istorbju tar-*refrigeration.*

L-Avukat Brincat qabel ma' dak kollu li qal il-Perit Schembri u l-Perit Falzon. Hu qal li l-biża kbira tiegħu huwa t-traffiku u l-użu ta' nġenji kbar u li ma jinżlux jew jitilgħu minn ġo Ħ'Attard u *taken into account* ma' TM.

Is-Sur Cordina qal li kull informazzjoni fuq l-operat għandha tkun inkorporata fir-rapport li se jintbagħat lil Herman Mallia u jiġi mtella' wkoll fuq E-apps.

Il-Perit Falzon qal li PA2319/18 jgħid ***To use existing site as a depot for the importation and distribution of wholesale fruit and vegetable (Class 6A), retail/wholesale market (Class 4B) and ancillary facilities/workshops (Class 5A), including relocation and extension of existing sheds and ancillary facilities, installation of pv panels and sanctioning as built and the change of use. Application also includes the construction of a water reservoir and additional landscaping. Plan attached.***

Il-Perit Schembri wera tħassib tiegħu fuq il-pjanta annessa ma' dawn il-Minuti li turi ċar li hemm Class 4B shop u jista' jsir bejgħ.

Kulħadd qabel li jsir kif propost mill-Periti.

63.3.4 *Uffiċċini Ġodda Perit*

Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill xtaq jagħmel xi mistoqsijiet lill-Perit fuq il-kwistjoni tal-Uffiċċini l-ġodda.

Qabel ma bdew il-Perit Falzon qal li jinsab ferm irrabbjat għax iktar ma hu, s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qed jgħinu lil dan il-kuntrattur iktar dan qed ikompli jgħaffeġ.

Is-Sur Cordina qal li hu dejjem ġab quddiem għajnejh li iktar ma jdumu iktar ħa jtawwlu ż-żmien għax li kien għalih qabad lill-kulħadd u ħaraqhom. Hu qal li hu mxebba bl-attitudni imma dejjem ried jipprova jimxi l'quddiem.

Il-Perit qal li primarjament għandha tinġab il-garanżija bankarja u li hu għax jaf li din, kif qalet is-Segretarju Eżekuttiv mhix ħa timmaterjalizża ruħha, allura żamm *retention* ta' €6000. Dan barra li mhux qed jaqbel fuq il-kejl. Inutli ħa jibqa' jitlob il-flus meta il-Kunsill baqa' bla garanzija bankarja u dak kien dak li għamel hu meta ħadem il-kont.

L-Avukat Brincat qal li fl-aħħar laqgħa il-Perit Falzon kien qal ċar u tond li hu ma kellux jieħu flus imma ftit qabel ma daħal hu onlajn intqal li kellu jieħu xi €65,000. Il-Perit Falzon qal li nħareġ kont, ġie ċċekkjat u ngħata *payment on account* f'Mejju. Hu qal li sa Mejju kien *more than covered with the payments done*, imma issa sar iktar xogħol li qed jammonta biss għal dak li semma ftit qabel.

Il-Perit qal il-kuntrattur jista' jippreżenta kont ta' €200000 li xorta jibqa' irrelevanti għalih sakemm jiġi ċċekkjat. Appuntu għax fil-kont li preżenta hu li qal kellu jieħu xi €65000 daħħal id-depożitu tal-lift €15000, *provision* tal-bennej ta' xi €7000 u deposit tal-AC's €6000 u kien hemm żball kont tal-ħitan li flok bricks saru gypsum għall-istess prezz imma fil-kont daħħal kemm l-ammont tal-bricks u tal-gypsum bi €11,000 jiġu mdaħħla doppju. Mela, kompla jgħid il-Perit il-Cumulative bill niżel għal xi €124000 li minnhom tħallsu €50000, €29000 u €30000. Kien jivdal xi €15000 li minnhom naqqas il garanzija, żbalji l'hemm u l'hawn fuq kejl li ma jaqblux, li hu normali u spiċċaw bl-€2000 li semma qabel. Kompla semma l-għoli tal-bini li tkejjel ħażin u l-*plastering and painting* xi 1300metru kwadru. Ridikolu kompla jgħid il-Perit. Dan kollu wkoll meta qas hemm imnaqqsa l-penali ta' xi €25000.

Il-Perit Schembri qal li wara li jittieħed il-parir tal-Avukat fuq ir-riperkussjonijiet u jsir rapport fuq il-ħsarat ikunu f'pożizzjoni aħjar biex jaraw kif se jipproċedu u jimxu l-quddiem. Fakkar li dan kien il-kuntrattur li appella mid-deċiżjoni tal-Kunsill minħabba xi ħaġa li hu kellu nieqsa fit-tender u li l-BORD tal-PCRB iddeċieda li kellu raġun.

Il-Perit u s-Segretarju Eżekuttiv qalu li t-Tlieta li ġejjin hemm laqgħa u se jiltaqgħu u jaraw f'daqqa il-kontijiet u jiirrisolvu dak li hu aċċettabli hu jinsab kunfidenti li b'xi mod ħa jaslu.

Gie deċiż li l-Perit jiltaqa' mal-QS u kuntrattur u minn hemm jimxu biex jaraw jekk ikomplux jew jikkuntatjawx l-Avukat biex jibdew proċeduri legali.

## 63.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 63.4.1 Silvio Brincat

- Talab biex tiġi diskussa applikazzjoni ta' żvilupp li se jmiss mal-akwadott fi Triq Peter Paul Rubens. Is-Sur Cordina qal li jekk mhux sejjer żball din kienu diġà tkellmuha Kunsill fejn saret oġġezzjoni biex tinfetaħ it-triq imma li bħalha żvilupp kellu kollox kif suppost u li kienet saret laqgħa u tkellem il-Perit Claude Borg.

## 63.5 Rapporti: Approvazzjoni ta' Rapport tal-Kwart tas-Sena Apr - Gun 2023;

63.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni ir-rapport finanzjarju April – Ġunju 2023 li għalkemm kien juri *surplus* ta' €66071 imma hi qalet li sal-ġurnata tat-30 Ta' Awwissu fil-kont bankarju baqa' biss €1000 u dana għaliex id-Dipartiment naqqas €70,000 mill-allokazzjoni tal-Kunsill sabiex dawn jagħmlu tajjeb għall-*cash flow* tar-Reġjun Tramuntana biex jitħallas il-kuntrattur tal-iskart għall-ġbir tal-ħġieġ, riċiklaġġ, organiku u domestiku mingħajr kunsiderazzjoni għall-*cash flow* Kunsilli. Kompliet tgħid li l-Accountant tal-Kunsill għadha ma tistax tiġi għaċ-ċifra mnaqqsa ta' €70,000. Dan apparti li kif kulħadd jaf għaddejjin b'kuntratti kbar li l-ħlas tagħhom se jingħadda maċ-ċertifikazzjoni fl-aħħar u li kollha b'xi mod huma mwaħħla. Dan kollu qed jirriżulta fl-FSI bejn *Current Assets u Current Liabilities* ta' -27% €110512 li huma flejjes li jridu jinġabru mill-Development Planning Fund.

Dan ir-rapport ġie approvat.

## 63.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

63.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan l-item ma setax jidħol fl-Agenda minħabba li kienet ġa ġiet ippubblikata. Hi qalet li fl-ewwel ħruġ tat-tender tal-bini ta' struttura galvaniżżata fi Ġnien l-Istazzjon ħadd ma kien tefa' offerta imma li fit-tieni pubblikazzjoni kienu tefgħu offerta Kurt Azzopardi, E&L u Versatech Engineering Ltd. L-Evalwazzjonijiet fuq dawn l-Offerti b'Lots ġiet konkluża fit-28 ta' Awwissu 2023 u għalhekk qed tressaq ir-rapporti tar-rakkomandazzjonijiet tal-Bord għall-approvazzjoni fuq Lot 1 (bini ta' pjattaforma tal-konkos) u Lot 3 (installazzjoni ta' *polycarbonate sheets*). Dawn skont l-ewwel rapport ġew irrakkomandati li jingħataw lil Versatech għall-prezz ta' €21,477.83 u €18,550.67 eskluża l-VAT rispettivament. Lot 2 (bini ta' struttura galvaniżżata) kellu jiġi negozjat minħabba nuqqasijiet li kellhom it-tliet *bidders* fil-parti teknika u wara s-sottomissjonijiet ġiet irrakkomandata lil Versatech għall-prezz ta' €40,747.89 eskluża l-VAT.

Dawn ir-rapporti ġew approvati.

## 63.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

63.7.1 Is-Segretarju qalet li l-iskeda ġiet ridotta u applikat it-30days credit għall-kuntrarju tax-xhur ta' qabel li kienu jħallsu sal-aħħar ġurnata li kienet toħroġ l-iskeda issa l-pagamenti ħa jinħarġu xahar b'lura.

Hi qalet li żiedet maċ-ċedola li bagħtitilhom il-Pit Stop €200, l-ARMS €900 dawl *three phase* tal-Istazzjon, €103.62 *reimbursement* għall-affarijiet li xtrat għall-Uffiċċju u €360 fjuri tal-Funerali.

L-iskeda ġiet approvata.

## 63.8 Mozzjonijiet; u

63.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 63.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

63.9.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-7.33pm u ġiet aġġornata għas-27 ta' Settembru 2023 fis-5.30pm

Konfermati, illum 27 ta' Settembru 2023.

Stefan Cordina
Sindku

Marica Mifsud Mintoff
Segretarju Eżekuttiv